# IL-QORTI ĠENERALI

## Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-7 ta' Settembru 2011 — Meredith vs UASI (BETTER HOMES AND GARDENS)

**(Kawża T-524/09)** [1]

*("Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali BETTER HOMES AND GARDENS — Raġuni assoluta għal rifjut — Rifjut parzjali ta' reġistrazzjoni mill-eżaminatur — Nuqqas ta' karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009")*

(2011/C 305/06)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Meredith Corp. (Des Moines, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: R. Furneaux u E. Hardcastle, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: J. Crespo Carrillo, aġent)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI, tat-23 ta' Settembru 2009 (Każ R 517/2009-2), dwar talba għar-reġistrazzjoni tas-sinjal verbali BETTER HOMES AND GARDENS bħala trade mark Komunitarja

### Dispożittiv

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *Meredith Corp. hija kkundannata għall-ispejjeż.*

[1] ĠU C 51, 27.2.2010.

## Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-8 ta' Settembru 2011 — MIP Metro vs UASI — Metronia (METRONIA)

**(Kawża T-525/09)** [1]

*("Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva METRONIA — Trade mark nazzjonali figurattiva preċedenti METRO — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009")*

(2011/C 305/07)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* MIP Metro Group Intellectual Property GmbH & Co. KG (Düsseldorf, il-Ġermanja) (rappreżentanti: J.-C. Plate u R. Kaase, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: D. Botis, aġent)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* Metronia, SA (Madrid, Spanja)

### Suġġett

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI tat-8 ta' Ottubru 2009 (Każ R 1315/2006-1), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn MIP Metro Group Intellectual Property GmbH & Co. KG u Metronia, SA.

### Dispożittiv

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *MIP Metro Group Intellectual Property GmbH & Co. KG hija kkundannata għall-ispejjeż.*

[1] ĠU C 80, 27.3.2010.

## Rikors ippreżentat fit-8 ta' Awissu 2011 — Western Digital u Western Digital Ireland vs Il-Kummissjoni

**(Kawża T-452/11)**

(2011/C 305/08)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

### Partijiet

*Rikorrenti*: Western Digital Corp. (Dover, Delaware, l-Istati Uniti) u Western Digital Ireland, Ltd (Grand Cayman, Cayman Islands) (rappreżentanti: F. González Díaz, avukat, u P. Stuart, Barrister)